MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 6/2005/2

**Lawrence Grech**

**v.**

**(i) Avukat Generali; (ii) Kummissarju tal-Pulizija; (iii) Onorevoli Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mill-intimati Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, u l-iehor incidentali maghmul mir-rikorrent, minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, fil-15 ta' Marzu 2013 li

permezz taghha dik il-Qorti, wara li ddikjarat li l-unici legittimi kontraditturi fil-kawza odjerna huma l-imsemmija intimati, iddecidiet li l-Artikolu 49[1][a] u [b] tal-Att Dwar il-Loghob, Kap. 400 tal-Ligijiet ta' Malta, kien leziv tad-dritt tal-espressjoni hielsa sancit fl-Artikoli 41, u msemmi fl-Artikolu 32[b]  tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [Kap.319], filwaqt li ma kienx hemm lezjoni tad-dritt fundamentali li jipproteggi kontra d-diskriminazzjoni, sancit fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u llimitat ir-rimedju li tat ghal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' dak l-artikolu, bl-ispejjez kollha kontra l-intimati *in solidum*.

**2.** L-appell principali jirrigwarda dik il-parti tad-decizjoni fejn l-ewwel Qorti sabet li l-imsemmi Artikolu 49[1][a] u [b] jilledi d-dritt tal-espressjoni hielsa, filwaqt li l-appell incidentali jirrigwarda dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ma sabitx vjolazzjoni tad-dritt tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

**3.** Fir-rikors tal-appell taghhom l-intimati talbu r-revoka tas-sentenza appellata fejn din sabet ksur da parti taghhom fil-konfront tar-rikorrent tad-drittijiet kontemplati fl-Artikoli 41 u 32[b] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, u l-konferma tas-sentenza ghal bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**4.** Fir-risposta tieghu r-rikorrent talab li l-appell tal-intimati jigi michud, filwaqt li pprezenta appell incidentali fejn talab ir-revoka tas-sentenza appellata inkwantu din ma sabitx ksur fil-konfront tieghu da parti tal-intimati tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, filwaqt li tigi konfermata ghal bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**Il-Mertu**

**5.** Dan jirrigwarda avviz li hareg fuq il-gazzetta *The Sunday Times* fil-harga tas-17 ta' Dicembru 2000 fit-taqsima li tissejjah *"social pages"* li permezz tieghu l-pubbliku in generali bazikament gie informat li *casino*

lokali, flimkien mal-Kumpanija Go Mobile, kienu qed jaghmlu offerta ta' *mobile* gdid b'xejn u pakkett ta' telefonati lil dawk il-Maltin u Ghawdxin biss li jieklu f'*restaurant* hemm indikat jew li jiehdu *"chance at the ... ... Casino's 110 slot machines."*

**6.** Sentejn wara l-harga ta' dan l-avviz, li r-rikorrent isejjahlu "artikolett" jew "advertorial" stante li jigi ppubblikat minghajr hlas, huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzat li bil-fatt li ppermetta dan l-avviz li johrog fuq il-gazzetta li taghha huwa editur kiser id-disposizzjonijiet kontenuti fl-Artikolu 49 [1][a] u [b] fuq imsemmi.

**7.** In segwitu`, u fil-mori tal-proceduri kriminali, ir-rikorrent fetah il-proceduri Kostituzzjonali odjerni li permezz taghhom qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja li l-imsemmi Artikolu tal-Kap. 400 jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu ghal-liberta` tal-espressjoni, u dak tal-harsien kontra d-diskriminazzjoni, u ghalhekk qed jitlob li jinghata rimedji ghal din il-lezjoni, fosthom li jaqghu l-akkuzi kriminali migjuba kontrih.

**8.** L-Artikolu 49 tal-Kap. 400 fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

**"49.** (1) Ħadd ma għandu jagħmel jew iġiegħel li jsir xi reklam -

"(*a*) li jkun jgħarraf lill-pubbliku li xi fond f'Malta jkun fond li fih ikun isir jew ikun se jsir il-logħob bħala każinò; jew

"(*b*) li jkun jistieden lill-pubbliku li jieħu sehem bħala ġugatur f'xi logħob li jsir, jew li jkun se jsir, f'xi fond bħal dak, jew li japplika għal tagħrif dwar faċilitajiet biex jieħu sehem, bħala ġugatur, f'xi logħob li jsir, jew li jkun se jsir, f'xi fond bħal dak; jew..

"- - omissis - -

"Iżda dik ir-restrizzjoni fuq ir-reklamar m'għandhiex tkun tapplika għal dawk ir-reklami li jiġu pubblikati, murijin jew

imxandra barra minn Malta għad-distribuzzjoni jew ċirkolazzjoni tagħhom barra minn Malta jew għal dawk ir-reklami bħalma huma deskritti fis-subartikolu (1) li jintwerew f'imkejjen li jkunu prinċipalment frekwentati minn turisti u li jinkludu ajruporti, portijiet tal-baħar, lukandi u *holiday complexes* iżda ma tinkludix *bars* u ristoranti."

## Is-Sentenza Appellata

**9.** Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, ghamlet rijassunt tas-sottomossjonijiet maghmula mill-partijiet, u sussegwentement ghaddiet ghad-decizjoni taghha, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

" - - Omissis - -

"Ir-rikorrenti fiz-zmien in kwistjoni kien l-editur tal-gazzetta 'The Sunday Times' u r-'riklam' mertu ta' dawn il-proceduri deher f'taqsima tal-imsemmija gazzetta li tissejjah 'social pages' li, skond l-istess rikorrenti, tittratta dwar avventimenti ta' natura socjali kif ukoll ta' interess pubbliku. Inoltre r-rikorrenti ddeskriva ir-reklam in kwestjoni bhala 'artikolett' li kien jittratta dwar offerta tassocjeta kommercjali Go Mobile lill-klijent tal-Oracle Casino' li nghataw il-possibbilta' li jerbhu sa tletin telefon cellulari. Jidher li dan it-tip ta' artikolu jissejjah 'advertorial' u cioe' hu spazju moghti mill-editur li fih tista tinghata informazzjoni ta' interess generali u anke kummercjali generalment bla hlas.

"Ghalhekk ir-rikorrent isostni li l-gazzetta ma titlobx hlas ghall-pubblikazzjoni ta' dan it-tip ta' artikolu. … … … …

"- - omissis - -

"Xehed ir-responsabbli ghal relazzjonijiet pubblici talkumpanija JP Enterprising. Dan ix-xhud ikkonferma li huwa kien ghadda xoghol ta' reklamar lil Sunday Times f'isem il-klijent tieghu Oracle Casino'. L-imsemmi xoghol kien jnkludi r-reklam in kwestjoni. Dan ir-reklam kien forma ta' artikolu in effett kien 'press release' ta' Oracle Casino' u li kienet giet mghoddija lil diversi gazzetti ohrajn,

u skond ma jiftakar ix-xhud, il-parti l-kbira ta’ dawn il-gazzetti kienu ppubblikaw din il-press release.

“Gie prodott biex jixhed l-Avukat Dr. Joseph Zammit Maempel, li minn Lulju tal-2003 sa Gunju tal-2008 kien okkupa l-kariga ta’ Chairman ta’ l-Awtorita’ tal-Loghob. Dan ix-xhud ikkonferma li l-Awtorita’ hi responsabbli ghal kull tip ta’ loghob, u hi ukoll responsabbli biex tohrog licenzji relattivi ghal kull min irid jorganizza xi-tip ta’ dan illoghob. Ix-xhud irrefera ghall-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta’ Malta li jirregola l-Casinos. Ix-xhud ikkonferma li r-reklami dwar Casinos huma kompletament projbiti mentri rreklamar tal-Maltco, li hi s-socjeta’ kummercjali li nghatat il-kontroll tal-loghob li qabel kien jigi organizzat middipartiment tal-Lottu, huwa regolat mil-licenzja li nghatat mill-Gvern lill-istess Maltco. Ix-xhud qal ukoll li lprojbizzjoni dwar ir-reklamar tal-casinos hi intiza biss ghall-Maltin, u ghalhekk huwa permess reklamar meta rreklam ikun ser jidher barra minn Malta u meta r-reklam ikun principalment indirizzat lejn turisti jew barranin, bhal dawk ir-reklami li wiehed isib fil-lounge ta’ l-Airport. Ix-xhud spjega li l-ligi taghmel distinzjoni fir-rigward ta’ l-eta’ ta’ min jista’ jattendi fil-casinos, cioe’ ghall-Maltin hemm divjet ghal min hu taht l-eta’ ta’ hamsa u ghoxrin sena, filwaqt li ghar-rigward tat-turisti u barranin dwn jistghu jidhlu fil-casino’ jekk ikunu ghalqu t-tmintax-il sena.

“… … … [ix-xhud] Avukat Dr Austin Bencini, … … … … iddikjara ukoll li mhuwiex fl-interess tal-Allied Newspapers Ltd li jigi permess li spazju fil-gazzetta jintuza ghal reklamar mohbi ghax dan igib dannu kummercjali notevoli stante li l-varji socjetajiet kummercjali b’hekk ikunu qed jiffrankaw li jhallsu ghar-reklam. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li d-decizjoni jekk il-materjal ikunx reklamar jew semplici kontenut editorjali hija l-prerogattiva ta’ l-editur.

“Ir-rikorrenti, meta xehed, kkonferma li meta jkun każ ta’ write ups ta’ dan it-tip, normalment ikunu semi pubblicitarji, u ma jkunux reklami proprja. Ir-riorrenti qal li l-artiolu in kwestjoni kien forma ta’ write-up dwar lattivitajiet ta’ l-istabbilment Oracle Casino’. Ir-rikorrenti qal

li seta jinghad li l-artikolu kien jaghti xi forma ta' pubblicita' lill-post partikolari pero' kien hemm raguni stante li kien hemm offerta li jinghataw mobile phones b'xejn. Irrikorrenti kkontenda li se mai r-reklam seta kien ukoll ghall-GO u cioe' ghall-mobile phones tal-GO.

"- -  omissis - -

**"Dwar Ksur tad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni**

"- - Omissis - -

"Il-Qorti taqbel mal-kokluzjonijiet li wasal ghalihom irikorrenti f'dan ir-rigward u cioe' li l-liberta' ta' l-espressjoni tieghu bhala editur giet ristretta minnghajr in-necessita' rikjesta f'socjeta' demokratika. Is-sanzjonijiet fil kaz in ezami zgur li jikkostitwixxu tfixkil u ndhil fil-liberta' ta' espressjoni tar-rikorrenti billi hu zgur li fil-futur l-ezercizzju ta' dik il-liberta' ser tkun menomata.

"In vista tal-premess jista jinghad ukoll Li ghalkhemm hu minnu li l-limitazzjoni in kwestjoni temana mil-ligi pero' listess interferenza fl-ezercizzju tad-dritt tal-liberta' ta' lespressjoni ma kienitx ghal skop legittimu u lanqas ma kienet ma jirrizulta sufficjentement li l-interferenza kienet mehtiega ragonevolment fl-interess ta' l-ordni pubbliku. Hu zgur li minhabba l-istess raguijiet l-istess interferenza ma kienitx necessarja f'socjeta' demokratika u bl-ebda mod ma seta jintlahaq xi skop legittimu. Ma jirrizultax li linterferenza kienet tikkorrispondi ghal htiega socjali u tali htiega ma tidhrx li tikkorrispondi ghal xi htiega socjali urgenti li hi necessarja. In effett jirrizulta li r-ragunijiet moghtija mill-intimati biex tigi gustufikata mhux rilevanti u ghalhekk l-istess mizura li ttiehdet ma hiux proporzjonata ma' l-iskop legittimu li ried jigi milhuq.

"- - Omissis - -

**"Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Il-kwistjoni li trid tigi deciza hi jekk l-imsemmija restrizzjoni fuq ir-reklamar ta' postijiet ta' logħob ta' l-azzard tiksirx

iddritt fondamentali ta’ l-espressjoni tar-rikorrenti u jekk hijiex diskriminatorja fin-natura tagħha minħabba li tiddiskrimina bejn Maltin u persuni mhux maltin bħala ‘target audience’ ghal min jirriklama.

“- - omissis - -

**“Dwar id-dritt fondamentali tal-liberta ta’ l-espressjoni**

“Dan id-dritt hu definit fl-Artikolu (1) tal-Kostituzzjoni bħala liberta ta’ kull bniedem li jkollu fehmiet mingħajr indħil, liberta li jirċievi ideat u tagħrif mingħajr indħil, liberta li jikkomnunika idejat u tagħrif mingħajr indħil – u liberta minn indhil dwar il-korrispondenza tiegħu.

“Ir-rikorrent jikkwota ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u b’dan isostni li l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi l-liberta ta’ l-espressjoni mingħajr distinzjoni jekk din l-espressjoni hijiex motivata għall-profitt jew le. Ghalhek hu minnu li l-istat għandu kull dritt li jirregola attivita kumercjali, iżda ma jistax jillimita espressjoni libera tal-bniedem dwar dik l-attivita anke jekk tali attivita hi ta’ natura kummercjali.

“Jidher illi l-pern tal-kwistjoni hija jekk l-“advertorial” in kwestjoni jikkwalifikax bhala ‘ideat jew tagħrif’ u għaldaqstant huwiex protett mill-Kostituzzjoni. Il-Qorti taqbel ma dak li gie sottomess mill-rikorrenti.. In effett irrikorrenti l-ewwel indika t-tliet elementi li jridu jissussistu biex tkun possibbli limitazzjoni jew intromissjoni fid-dritt tal-liberta tal-espressjoni. Dawn gia gew ampjament ittrattati f’din il-presenti sentenza.

“Kif gia nghad ma hemmx valur fundamentali ghas-soċjeta li qed jiġi difiża b’din il-liġi u inoltre lanqas ma hija b’mod effettiv tipproteġi lis-socjeta’ maltija mill-vizzju tal-logħob ta’ l-azzard. In effett hu aktar minnn possibli li jintlaħqu l-Maltin b’dawn irreklami u allura xorta l-maltin se jiġu esposti għal dan it-tip ta reklamizzar. Barra minn hekk ħafna Maltin jahdmu fissettur turistiku li allura jistgħu jiġu facilment esposti għal riklami bħal dawn. Jista facilment jinghad llum il-mezzi talkomunikazzjoni jxejnu l-utilita ta’

restrizzjoni bħal din għaliex iċ-ċittadin xorta għandu access għal riklami bħal dawn u anki logħob ta' l-azzard tramite l-internet. Għaldaqstant ma jistax jitqies illi din hija restrizzjoni meħtieġa f'soċjeta demokratika.

"Inoltre ghandu ukoll jigi konsidrat il-fatt li filwaqt li huwa pprojbit reklamar ta' casinos, ma jidhirx li huwa l-każ għallogħob bħalma huma Super 5, Bingo, eċċ. L-intimati jgħidu li mhuwiex neċessarjament minnu li dan ta' l-aħar huwa aktar vizzjuż mil-logħob fil-każinos. Il-kwestjoni jekk huwiex iktar vizzjuz jew le hi effettivament rrilevanti. Il-fatt hu li z-zewg tipi ta l-oghob huma daqtant perikoluzi u jistghu jwaslu ghal problemi socjali. Alura ghaliex irreklamar ta loghob wiehed hu pprojbit ghall-maltin menti lloghob liehor hu permess li jigi reklamat.

"**Dwar id-diskriminazzjoni**:

"Ir-rikorrenti jgħid li saret diskrminazzjoni kontrih minħabba li l-liġi twaqqfu mil-libertà ta' l-espressjoni għaliex huwa jaqa' fil-klassi ta' edituri ta' gazzetti li jaqgħu taħt din il-projbizzjoni. Persuni oħra li jirreklamaw il-każinos f'postijiet prinċipalment intiżi għat-turisti ma jaqgħux taħtha u għalhekk huma vantaġġjati a kuntrarju tar-rikorrent. Jaċċenna wkoll għax-xhieda ta' Richard Mifsud fejn jgħid li l-maġġoranza tal-gazzetti l-oħrajn kienu ppubblikaw dan l-artikolett. L-edituri ta' dawn il-gazzetti ma tressqux kriminalment għal dan, kuntrarjament għar-rikorrent. Jirreferi għal Jacobs li jgħid li d-diskriminazzjoni hija abbużiva jekk id-distinzjoni ma għandhiex ġustifikazzjoni oġġettiva u raġjonevoli.

"Dwar dan il-punt ta' diskriminazzjoni, hu zgur li t-trattament (taħt l-artikolu tal-liġi) huwa identiku ghall-persuni kollha fl-istess kategorija, u cjoe' edituri li jippubblikaw ġurnali u/jew gazzetti mmirata lejn il-pubbliku Malti fis-suq lokali u ghalhekk ma hemmx diskriminazzjoni. Għalkemm ir-rikorrent allega illi edituri l-ohra li ppubblikaw l-istess materjal, ma gewx inizjati kontra taghhom proceduri kriminaali bhal fil-kaz tieghu, l-ebda wiehed minn dawn l-edituri ma ngieb jixhed f'dawn il-proceduri u hadd ma ikkonferrma li l-artikolu in kwestjoni

gie pubbilkat f'xi gazzetta ohra u li l-editur relattiv ma giex assoggettat ghal proceduri kriminali. Dan il-fatt lanqas ma gie pprovat b'xi mod iehor. Ghalhekk hu zgur li d-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti bl-ebda mod ma giet pruvata.

**"Għandu jiġi kkunsidrat ukoll:**

"Illi huwa veru illi jista' jkun hemm xi interess illi ċ-ċittadin jiġi protett minn tentazzjonijiet li jistgħu jwassluh għal problemi finanzjarji, li fl-aħħar mill-aħħar ifisser problemi soċjali. Iżda wieħed irid jara kemm dan, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, huwa ġustifikat f'soċjetà demokratika moderna. Hemm attivitajiet oħrajn, bħal tipjip u xorb, illi wkoll jista' jkollhom konsegwenzi għaċ-ċittadin, iżda ma hemmx projbizzjoni dwar ir-reklamar tagħhom. Id-droga hija vizzju ieħor li twassal għal problemi soċjali imma din hija illegali u għalhekk ir-reklamar dwarha huwa illegali. Iżda l-logħob ta' l-azzard mhuwiex fih innifsu illegali. Dan sar accenn ghalih mir-rikorrent.

"Illum il-ġurnata, bil-proliferazzjoni ta' internet u mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni, iċ-ċittadin Malti jiġi espost xorta waħda għal reklami dwar logħob ta' l-azzard. Il-Qorti ma taqbilx illi l-logħob ta' l-azzard huwa aktar perikoluż minn *online gaming* għaliex f'dan ta' l-aħħar, hemm il-possibbiltà li jintużaw karti ta' kreditu li jwasslu għal djun kbar ukoll. Barra minn hekk, iċ-ċittadin malti xorta jista' jara reklami ta' *casinos* fuq l-internet – anke dawk Maltin. Il-preżenza ta' reklami mmirati lejn turisti tkompli ssaħħaħ din it-teżi – iċ-ċittadin huwa espost għal reklami dwar casinos ukoll f'magazines bħalma huma dawk fuq ajruplani jew f'postijiet fejn l-udjenza mmirati huma turisti. Li jkun hemm linji gwida għal tali reklamar (bħalma huwa per eżempju r-reklamar fuq it-tipjip) huwa aċċettabbli, iżda mhux restrizzjoni daqshekk kategorika bħalma hija dik fil-liġi in kwestjoni. Il-fatt illi normalment pubblikazzjonijiet jiġu *vetted* mill-Awtorità ma jnaqqasx minn dan għaliex tali *vetting* ma jnaqqasx mill-assolutezza tad-dispożizzjoni in kwistjoni.

“F’soċjetà demokratika moderna, iċ-ċittadin huwa infurmat u jagħmel għażliet bażati fuq informazzjoni. M’għadhiex tissussisti t-teżi ta’ protezzjoniżmu żejjed, għaliex b’dana ċ-ċittadin ikun qed jiċċaħħad mid-dritt li jagħmel għażla infurmata; u min jixtieq jippubblika informazzjoni bħalma huwa dan l-artikolu m’ghandux jigi rinfaccjat minn proceduri kriminali.

“Dana kollu, ma jfissirx illi ma jkunx hemm ksur fejn hemm dispożizzjoni li assolutament tipprojbixxi dan il-“commercial speech” speċjalment fejn hemm dubju jekk dak li huwa ppubblikat huwiex reklam jew sempliċement informazzjoni kummerċjali. Għalhekk jista' jinghad illi qed jigi lez id-dritt ta' espressjoni fejn wiehed jinforma l-pubbliku dwar zviluppi fis-settur li huwa l-gaming, attivita' kummerċjali regolata mill-awtoritajiet Maltin u ghalhekk mhux attivita' illegali.

“- - omissis - -

**L-Appell Principali**

**10.** Dan huwa bazat fuq tliet aggravji li, fis-succint huma dawn: [1] li l-artikolu *de quo* ghandu l-iskop legittimu li jipprotegi c-cittadini Maltin minn *casino gambling*; kif ukoll johloq bilanc gust bejn l-interessi ta’ dawk li jiggestixxu l-*casinos* u l-interessi tas-settur tat-turizmu f’Malta min-naha wahda, u d-dritt tal-liberta` tal-espressjoni tar-rikorrent min-naha l-ohra; [2] li l-Artikolu 32[b] tal-Kostituzzjoni huwa biss introduzzjoni ghal-lista tad-drittijiet fundamentali, u ma jistax jinstab ksur ta’ dan l-artikolu in vista ta’ dak li jiddisponi l-Artikolu 46[2] tal-istess Kostituzzjoni; [3] li f’materja ta’ *commercial speech* l-iStati ghandhom margini aktar wiesgha biex jirregolaw id-dritt ghal-liberta` tal-espressjoni, milli fil-kaz ta’ materji li jittrattaw il-kamp politiku.

*L-ewwel* aggravju *u t-tielet aggravju*

**11.** Dawn l-aggravji ser jigu trattati flimkien peress li huma konnessi.

**12.** L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-Artikolu 49 [1][a] u [b] inkluza l-proviso fuq indikata, li tieghu r-rikorrent qed jitlob in-nullita` in bazi ghal fatt li, skont hu, dan hu leziv tad-dritt tieghu tal-espressjoni hielsa, ghandu bhala skop legittimu tieghu dak li jiprotegi lic-cittadini Maltin milli jigu mhajjra jiffrekwentaw *casinos*, u jinvolvu ruhhom f'*casino gambling* li, skont l-intimati, bhala stat ta' fatt huwa ta' theddida lejn is-socjeta` Maltija, minhabba l-konsegwenzi socjali avversi li dan jista' jgib mieghu u li huma ta' detriment ghall-familji Maltin, u anke ghall-interess pubbliku in generali.

**13.** Huma jispjegaw li f'dawn l-ambjenti persuni jigu mhegga sabiex jilghabu l-flus, u li dan it-tip tal-loghob jsir fi ftit hin li fih persuna tista' titlef gidha bi pregudizzju mhux biss ghaliha izda anke ghal familja taghha li jkollha tbati minhabba dan it-telf finanzjarju sostanzjali mill-budget familjari. Inoltre, id-dejn kbir li persuna tista' takkumula rizultat ta' dan il-loghob f'dawn l-ambjenti jista' jwasslu ghal zieda fil-kriminalita`.

**14.** Ghalkemm jammettu li din it-tip ta' attivita` meta ezercitata minn turisti thalli qliegh u ghalhekk minn din l-ottika hija ta' gid ghall-ekonomija tal-pajjiz, mill-banda l-ohra dan ghandu jigi bilancjat mal-effetti negattivi li l-loghob tal-azzard jista' jhalli fuq s-socjeta` Maltija.

**15.** Jghidu li r-restrizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 49 huma diretti sabiex joholqu bilanc bejn l-interessi tas-socjeta` Maltija minn naha wahda, u l-interessi ekonomici, kemm ta' dawk li jiggestixxu dawn il-lokali kif ukoll anke ta' dawk li jahdmu fis-settur turistiku, min-naha l-ohra.

**16.** Dan il-bilanc jintlahaq billi, ghalkemm l-iStat ma jipprojbixxix il-loghob tal-azzard, u ghalkemm jaghti licenzji sabiex joperaw *casinos* fejn isir dan il-loghob, u ghalkemm ma jipprojbixxix ir-reklamar ta' dan il-loghob u tal-fondi fejn isir dan il-loghob f'postijiet fejn ikunu aktar frekwentati mit-turisti, bhal per ezempju l-ajruport, izda, min-naha l-ohra l-iStat ghandu d-dmir li jillegisla b'mod li kemm jista' jkun il-Maltin in generali ma jigux esposti ghal

dan it-tip ta’ reklamar li jista’ jwassal li aktar cittadini Maltin jigu mhajjra jiffrekwentaw dawn il-postijiet u jilaghbu l-loghob tal-azzard fihom.

**17.** B’din il-ligi l-legislatur qed jiprotegi lis-socjeta` Maltija mill-espozizzjoni ghal din l-attivita` filwaqt li fl-istess hin ma johnoqx is-settur turistiku f’Malta. Konformament ma’ dan, filwaqt li l-eta` tad-dhul hija ta’ tmintax (18)-il sena ’l fuq ghat-turisti, fil-kaz tal-Maltin din ir-restrizzjoni hija estiza ghall-eta` ta’ hamsa u ghoxrin (25) ’il fuq[1].

**18.** L-intimati jghidu li, ghalkemm huwa minnu li fil-pajjiz hemm attivitajiet ohra li jaghmlu hsara lic-cittadini Maltin, bhal ma huma l-abbuz mix-xorb alkoholiku, u t-tipjip, u li mhumiex kontrollati bl-istess mod, mill-banda l-ohra dan m’ghandux ikun ta’ xkiel sabiex il-legislatur jikkontrolla r-riklamar tal-attivita` tal-loghob tal-azzard, u dan peress li *“two wrongs don’t make a right”*.

**19.** Il-fatt li hemm attivita` ohra li ghandha mil-loghob tal-azzard u li hija permessa mil-ligi tant li tinhareg licenzja lill-operatur, bhal fil-kaz tas-Super 5, u tal-U * Bet u li fuqhom ma hemmx restrizzjoni dwar ir-reklamar, dan il-fatt ma jimminax l-iskop tal-artikolu *de quo*, stante li dawn l-attivitajiet jigu ezercitati fuq medda ta’ zmien u huma sa certu punt limitati anke fl-ammont li jintlaghab, filwaqt li fil-*casinos* jintefqu ammonti kbar ta’ flus, u hafna loghob jispicca f’hin qasir bil-konsegwenza li persuna biex tkompli tilaghab trid terga’ thallas, bir-rizultat li persuni jistghu jitilfu ammont sostanzjali ta’ flus u anke jiddejjnu, b’detriment ghalihom u ghal familja taghhom.

**20.** Fit-tielet aggravju taghhom, l-intimati jissottolinejaw il-fatt li, l-artikolu tal-ligi *de quo*, jirrigwarda reklamar ta’ attivita` purament kummercjali, priva minn element ta’ dibattitu pubbliku jew politiku, u ghalhekk jikkwalifika bhala *commercial speech* li fir-rigward tieghu l-iStati Membri ghandhom *margin of appreciation* wiesgha inkwantu ghall-ezistenza u l-estent tal-indhil tal-iStat fid-dritt tal-liberta` tal-espressjoni. F’dan ir-rigward huma jiccitaw il-kaz ta’

[1] Art.26 Kap.400

***Markt Inter Verlag v. Germanja*** [2] fejn il-Qorti Ewropeja qalet li *"The Court has consistently held that the Contracting States have a certain margin of appreciation in assessing the existence and extent of the necessity of the intereference."*

**21.** Fil-kamp purament kummercjali d-dritt tal-liberta` ghall-espressjoni jista' jigi regolat fl-interess pubbliku, u sahansitra jista' jigi regolat b'aktar rigur milli fil-kamp politiku jew f'kampijiet ohra. B'mod aktar specifiku l-intimati jissottomettu li r-reklamar milqut mill-Artikolu 49 [1][a] u [b] huwa dak purament kummercjali li jirrigwarda informazzjoni li mhijiex bzonnjuza ghall-konsumatur jew utili ghall-pubbliku in generali. Minn naha l-ohra l-projbizzjoni kontenuta fil-ligi u li tikkostitwixxi restrizzjoni ghad-dritt tal-liberta` tal-espressjoni tindirizza *"a pressing social need"*[3], intiza biex tiprotegi mill-problemi ekonomici u socjali l-familji Maltin.

**22.** Ir-rikorrent min-naha tieghu jissottometti li l-iskop tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni huwa wiesgha, u ma hemm xejn x'jindika la mit-termini u lanqas mill-kuntest tieghu li dan ghandu jinghata interpretazzjoni ristrettiva. Di fatti, fil-kaz ***Handyside*** gie ritenut li dan l-artikolu japplika *"not only to information or ideas that are favourably received or regarded inoffensive, or as a matter of indifference, but also to those that disturb, shock or offend the state or any sector of the population."*[4]

**23.** Mhuwiex minnu li l-projbizzjoni *de quo* hija intiza sabiex tissalvagwarda l-interess pubbliku u l-ordni pubbliku, ghax l-ambjent tas-socjeta` Maltija llum hu tali li fih is-socjeta` Maltija hija permessa li tiehu sehem f'loghob tal-azzard u tkun esposta ghal reklamar ta' varjeta` wiesa' ta' attivitajiet li lkoll jaqghu taht id-definizzjoni ta' loghob tal-azzard, liema reklamar huwa accettat u permess b' mod liberu.

---

[2] Appl.10572/83, deciza 20 Novembhru 1989 – para.33
[3] ECHR ***Barthold v. Germany***, Appl.8734/79, deciza 25/3/1985
[4] Par.49

**24.** Fil-fatt skont ir-rikorrent jezistu fir-rigward zewg anomaliji. L-ewwel wahda ghax, filwaqt li r-reklamar tal-*casinos* fejn jintlaghab il-loghob tal-azzard huwa projibit, jekk mhux f'post frekwentat mit-turisti, izda l-loghob tal-azzard fih innifsu mhux ipprojibit, tant li f'Malta l-*casinos* huma licenzjati. It-tieni anomalija temani mill-fatt li dawn l-istess postijiet fejn ir-reklamar mhuwiex projbit bil-ligi huma accessibbli ghall-Maltin u jigu frekwentati anke mill-Maltin, partikolarment dawk li jahdmu fis-settur turistiku. Ghalhekk ma jistax jinghad li din ir-restrizzjoni ghal-liberta` tal-espressjoni hija ntiza sabiex tissalvagwardja l-interess pubbliku.

**25.** Ir-rikorrent jinsisti li t-tezi li l-projbizzjoni hija ntiza sabiex tipprotegi s-socjeta` Maltija ftit li xejn tista' tinghata piz u tivvjola l-principju tar-ragjonevolezza, tenut kont tal-metodi godda ta' komunikazzjoni li jaqsmu l-fruntieri facilment, u fl-era digitali tal-*internet* ftit li xejn tista' tinzamm il-projbizzjoni tar-reklamar jew gharfien iehor fit-territorju Malti, ghax minn *browsing* semplici tal-internet jirrizultaw numru ta' siti li jirreklamaw u jipprovdu lic-cittadini Maltin access ghal-loghob tal-azzard mill-kumdita` ta' djarhom fejn dawn jistghu jifthu *betting accounts*, jaghmlu depoziti u jilghabu loghob tal-azzard tramite l-mezz tal-internet.

**26.** Ghalhekk ir-rikorrent jghid li kienet korretta l-ewwel Qorti meta qalet li l-intimati naqsu milli juru li kien hemm interess sostanzjali da parti tal-iStat li jzomm din il-projbizzjoni assoluta. Il-bilanc li ried johloq il-Legislatur bil-ligi *de quo* ma ntlahaqx, u ma giex muri li l-interessi tas-socjeta` Maltija ma kienux jigi milqughha *"b'regolamenti li ma joholqux projbizzjoni assoluta izda li joholqu biss limiti fil-livell ta' reklamar permissibbli ... ... il-poter inerenti fl-istat li jirregola attivita` ekonomika specifika ma jimplikax awtomatikament il-poter tal-iStat li jirregola l-espressjoni dwar tali attivita`. Wara kollox, il-Kostituzzjoni ma tipprojbixxix legislazzjoni li tillimita l-liberta` tal-loghob, izda tipprojibixxi legislazzjoni li tnaqqar id-dritt tal-espressjoni."*

**27.** L-intimati jghidu li l-anologija bejn l-loghob tal-azzard u l-konsum tax-xorb alkoholiku u t-tijpjip hija f'waqtha peress li f'dawn il-kazijiet, minkejja li dawn il-vizzji jaghmlu hsara lis-socjeta` Maltija, il-Legislatur ma mexhiex bl-istess mod, u f'dawn l-oqsma *"ma hassx il-htiega li ghandu jintervjeni sabiex jillimita l-liberta` tal-espressjoni u jidher ghalhekk li l-interess socjali .... anke hawn ha t-tieni post fil-prioritajiet tal-iStat."*[5]

**28.** Rigward l-anologija maghmula mill-ewwel Qorti dwar loghob tal-azzard iehor, bhas-Super 5, Bingo u U* Bet, anke din hi f'waqtha ghax anke f'din l-attivita` hemm element ta' loghob tal-azzard. Jghidu *"jekk hemm element ta' xorti, huwa gambling bhalma d-droga l-hafifa titqieghed fl-istess keffa bhal hard drugs ghaliex proprju huma sostanzi stupefacenti.",* u ghalhekk, id-distinzjoni maghumla mill-intimati bejn dan il-loghob u dak fil-*casino*, fis-sens li f'tal-ahhar jintefqu flus kbar, ma tregix, ghax dan il-loghob li skont l-intimati huwa anqas riskjuz, *"generalment jiholqu l-vizzji u vizzji ghal loghob tal-azzard aktar serju."* Ukoll *"huwa fatt li artikoletti dwar rebh ta' somom konsiderevoli fil-loghob jew rekalmi tas-Super 5, lottu, lotterji nazzjonali ohra, Maltaco jew U*Bet huma permissibbli."*

**29.** Illi l-artikolu *de quo* tal-Kap. 400 ma jaghmilx distinzjoni dwar jekk ir-reklamar huwiex motivat minn profit jew le. It-telf finanzjarju mhuwiex kriterju primarju sabiex jiggustifika r-restrizzjoni tad-dritt tal-liberta` tal-espressjoni, imma l-aspett finanzjarju fejn si tratta ta' dan id-dritt huwa wiehed sekondarju.

**30.** Inoltre, izid ir-rikorrent, mhuwiex minnu dak sottomess mill-intimati li tezisti *"a pressing social need"* ghal din il-projbizzjoni, u ghalhekk ukoll *"l-artikolu inkwistjoni joltrepassa l-interferenza permissibbli ghall-istat fl-ezercizzju tad-dritt tal-liberta` tal-espressjoni ghaliex tali interferenza ma hijiex necessarja fis-socjeta`."* Ma pprovawx li jezistu konsiderazzjonijiet fundamentali ta'

[5] Fir-rigward il-Qort tosserva li fil-fatt ir-reklamar tat-tabakk huwa kontrollat bir-regolamenti dwar r-Riklamar u Prodotti tat-tabakk AL.344/2010 li b'mod generali jinghad li r-riklamar ta' prodotti tat-tabakk huwa pprojibit [ ara regolament 3]

interess pubbliku li jistghu jipprevalu fuq id-dritt tal-liberta` tal-espressjoni, u lanqas ma pprovaw li l-projbizzjoni assoluta hija gustifikata, tenut kont tal-principju tal-proporzjonalita`. L-intimati ma ressqu ebda prova li t-tnehhija tal-projbizzjoni mill-Kap. 400 twassal ghal zieda fil-kriminalita` u dizordni fil-pajjiz.

**31.** Fuq livell aktar specifiku r-rikorrent jghid li dak li deher fuq il-gazzetta *Sunday Times* tas-17 ta' Dicembru 2000 ma jikkwalifikax bhala reklam fit-termini tal-imsemmi Kap. ghax *"kien rapportagg jew artikolett hekk imsejjah advertorial, speci ta' press release"* li jsir minghajr hlas u li kien jinforma l-pubbliku li saret offerta mill-Go Mobile lill-klijenti tal-*casino* partikolari kellhom ic-cans li jirbhu.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

**32.** Illi kemm l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jipprotegu u jissancixxu d-dritt ghal liberta` tal-espressjoni bhala wiehed mid-drittijiet fundamentali, liema dritt huwa wiehed mill-pilastri li fuqu tistrieh socjeta` demokratika, stante li hu wiehed mill-fatturi essenzjali ghat-thaddim tad-demokrazija:

*"Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such [democratic] society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man." [ECHR* ***Handyside v. The United Kingdom,*** *7 Dicembru 1976].*

**33.** Izda dan id-dritt mhuwiex assolut, u hu suggett ghal diversi limitazzjonijiet intizi sabiex jissalvagwardaw drittijiet ohra anke fundamentali. Dawn ir-restrizzjonijiet kontemplati fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 10 jippermettu interferenza mill-iStat fl-ezercizzju ta' dan id-dritt fundamentali, u b'mod generali jista' jinghad li dawn ir-restrizzjonijiet huma bazati fuq tliet fatturi: [1] il-legittimita` tal-interferenza, u cioe` l-bazi legali taghha; [2] l-ghan tal-interferenza li ghandu jkun wiehed legittimu, kif ukoll il-proporzjonalita` li ghandha tezisti bejn l-interferenza jew il-mizura u l-ghan taghha; [3] li l-interferenza tkun ragjonevolment necessarja f'socjeta` demokratika, fis-

sens li tindirizza *"a pressing social need"* u li hija bazata fuq ragunijiet li huma *"relevant and sufficient".*

*"No restriction on freedom of expression, whether in the context of religious beliefs or in any other, can be compatible with Article 10 unless it satisfies, inter alia, the test of necessity as required by the second paragraph of Article 10. In examining whether restricitions to the rights and freedoms guaranteed by the Convention can be considered "necessary in a democratic society", the Court has, however, consistently held that the Contracting States enjoy a certain but not unlimited margin of appreciation......... assessing in the circumstances of a particular case, inter alia, whether the interference corresponds to "a pressing social need" and whether it was "proportionate to the legitimate aim pursued." [ECHR* ***Windgrove v The United Kingdom,*** *decided 22 October 1996]*

*"By reason of their direct and continuous contact with the vital forces of their countries, State authorities are in principle in a better position than the international judge to give an opinion on the exact content of these requirements as well as on the "necessity" of a restriction or penalty intended to meet them. Article 10 para 2 leaves the Contracting States a margin of appreciation. This margin is given both to the domestic legislator ["prescribed by law] and to the bodies, judicial amongst others that are called upon to interpret and apply the laws in force." [****Handyside****]*

*[vide also ECHR* ***Otto-Priminger- Institut v Austria,*** *deciza 20 Settembru 1994;* ***Bartold v Germany,*** *appl.8734/79, deciza 25 Marzu 1985;* ***Hempfing v Germany,*** *appl.14622/89 [1991]; Q.Kos.* ***John Mizzi v Avukat Generali,*** *deciza 9 Ottubru 2009; u Q.Kos.****Mark Lombardo v Kunsill Lokali tal-Fgura****, deciza 7 Ottubru 2005].*

**34.** Inoltre, fil-kaz ***Casado Coca v. Spain*** *[Appl.15450/89, deciz fl-24 Frar 1994]* il-Qorti Ewropeja affermat dawn il-principji:

*"35. The Court would first point out that Article 10 (art. 10) guarantees freedom of expression to "everyone". No distinction is made in it according to whether the type of aim pursued is profit-making or not (see, mutatis mutandis, the* ***Autronic AG v. Switzerland*** *judgment of 22 May 1990, Series A no. 178, p. 23, para. 47) and a difference in treatment in this sphere might fall foul of Article 14 (art. 14).*

*"In its* ***Barthold v. Germany*** *judgment of 25 March 1985 (Series A no. 90, pp. 20-21, para. 42) the Court left open the question whether commercial advertising as such came within the scope of the guarantees under Article 10 (art. 10), but its later case-law provides guidance on this matter. Article 10 (art. 10) does not apply solely to certain types of information or ideas or forms of expression (see the* ***Markt intern Verlag GmbH and Klaus Beermann v. Germany*** *judgment of 20 November 1989, Series A no. 165, p. 17, para. 26), in particular those of a political nature; it also encompasses artistic expression (see the* ***Müller and Others v. Switzerland*** *judgment of 24 May 1988, Series A no. 133, p. 19, para. 27), information of a commercial nature[6] (see the markt intern Verlag GmbH and Klaus Beermann judgment previously cited, ibid.) - as the Commission rightly pointed out - and even light music and commercials transmitted by cable (see the* ***Groppera Radio AG and Others v. Switzerland*** *judgment of 28 March 1990, Series A no. 173, p. 22, paras. 54-55)....*

*"50. Under the Court's case-law, the States parties to the Convention have a certain margin of appreciation in assessing the necessity of an interference ............. Such a margin of appreciation is particularly essential in the complex and fluctuating area of unfair competition (ibid.). The same applies to advertising.[7] In the instant case, the Court's task is therefore confined to ascertaining whether the measures taken at national level are justifiable in principle and proportionate (see, inter alia, ibid. and the*

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti
[7] Ibid

*Barthold judgment previously cited, Series A no. 90, p. 25, para. 55).*

*"51. ..................... In some contexts, the publication of even objective, truthful advertisements might be restricted in order to ensure respect for the rights of others or owing to the special circumstances of particular business activities and professions. Any such restrictions must, however, be closely scrutinised by the Court, which must weigh the requirements of those particular features against the advertising in question; to this end, the Court must look at the impugned penalty in the light of the case as a whole[8] (see, mutatis mutandis, the markt intern Verlag GmbH and Klaus Beermann judgment previously cited, Series A no. 165, p. 20, para. 34)".*

**35.** L-awturi **Harris O' Boyle & Warbick** jikkommentaw hekk fir-rigward: *"The principal aim of commercial expression is to enahnce the economoic interests of individuals and enterprise ... .... A survey of the case law suggets that commercial expression remains relatively less safeguarded than political and artistic expression."[9]*

**36.** Spjanat it-terren legali, issa din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-vertenza mertu tal-kaz odjern fid-dawl tal-principji legali applikabbli, u tenut kont tas-sottomossjonijiet maghmula mill-partijiet.

**37.** Fl-ewwel lok jigi osservat li ghandu jirrizulta pacifiku li l-mizura *de quo* temani mil-ligi, u cioe` mill-Artikolu 49 [1][a][b], inkluza l-proviso tal-Kap. 400, u ghalhekk hija wahda legittima, preskritta mil-ligi.

**38.** Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li ma taqbilx mal-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li din l-interferenza ma kinitx fl-interess pubbliku u li ma giex sufficjentement provat li kienet ragjonevolment mehtiega fl-interess tal-ordni pubbliku.

---

[8] Ibid
[9] The Law of the European Convention on Human Rights – 2nd edition pg.461

**39.** Fir-rigward din il-Qorti tirrileva li l-ghan ta’ din il-ligi huwa, wiehed legittimu, u cioe` dak li jirriduci l-attendenza ta’ cittadini Maltin fil-*casinos*, biex jipprotegihom mill-konsegwenzi socjali hziena li din l-attivita` tista’ ggib maghha, kemm fuq l-individwi koncernati kif ukoll fuq il-familja jew dipendenti taghhom. Huwa fatt notorju li l-loghob tal-azzard, partikolarment f’*casinos* fejn, kif korrettament sottomess mill-appellanti, jintlabu ammonti sostanzjali ta’ flus fi ftit hin, jista’ jwassal lil dawn l-individwi ghal faqar rizultat ta’ dejn li jkunu akumulaw minhabba dan il-loghob, b’detriment ghalihom, ghal familja taghhom, u anke ghas-socjeta` in generali. Ukoll, din l-attivita` tista’ twassal li individwi li jitilfu hafna flus f’dawn il-postijiet jinqabbdu fix-xibka tal-uzura li minnha nnifisha hija wkoll problema fis-socjeta` Maltija, u li tista’ twassal ghal zieda fil-kriminalita`. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehema li din ir-restrizzjoni legislattiva, li temani mill-artikolu precitat, hija materja li essenzjalment tikkoncerna l-ordni pubbliku li hija wahda mill-fatturi restrittivi tad-dritt ghal liberta` tal-espressjoni.

**40.** It-tielet fattur li ghandu issa jigi ezaminat huwa jekk din il-mizura legislattiva kinitx ragjonevolment necessarja f’socjeta` demokratika b’mod li tindirizza htiega socjali urgenti.

**41.** Il-qofol tal-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti f’dan ir-rigward tikkoncerna l-element tan-necessita` ta’ din il-mizura f’socjeta` demokratika, abbinata mal-principju tal-proporzjonalita` li ghandha tezisti bejn il-mizura u l-ghan taghha. Dan jinvolvi wkoll ezami tal-interessi tas-socjeta` in generali, u dak tas-settur turisiku, kif ukoll tal-operaturi tal-fondi fejn issir attivita` ta’ dan il-generu.

**42.** L-ewwel Qorti kienet tal-fehema li *“ma hemmx valur fundamentali ghas-socjeta` li qed jigi difiz b’din il-ligi, u inoltre lanqas ma hija b’mod effettiv tipprotegi lis-socjeta` Maltija mill-vizzju tal-loghob ta’ l-azzard.”*

**43.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan il-hsieb, u tosserva li, fl-ewwel lok hemm il-valur relatat mad-dinjita` tal-bniedem li m'ghandux jigi mhajjar jattendi postijiet fejn issir din it-tip ta' attivita` li tista' twassal ghar-rovina tieghu. Dan japplika b'izjed emfasi ghal dawk ic-cittadini Maltin ta' eta` relattivament zghira li, ghalkemm adulti f'ghajnejn il-ligi ma jkunux konxji tal-hsara materjali u psikologika li din l-attivita` tista' tirrekalhom, b'mod li min forsi jkollu l-inklinazzjoni ghal-loghob tal-azzard ikompli jikkultivaha minflok irazzanha. Huwa fatt notorju li persuna li taqa' vittma ta' dan il-vizzju jkun difficli ferm ghaliha sabiex tohrog minnu, kemm psikologikament kif ukoll materjalment.

**44.** Fit-tieni lok, hemm il-valur tal-familja x'jigi protett. Huwa fatt wkoll notorju li persuna li takkumula djun kbar minhabba din l-attivita` fil-*casinos* u li ma tkunx tiflah ghalihom, ikun ta' detriment ghall-familja taghha li allura jkollha ggor il-piz qawwi li dawn id-djun igibu maghhom bit-tensjoni u inwkiet li dan il-fatt johloq fil-familja taghha.

**45.** Fit-tielet lok, huwa l-interess legittimu tal-iStat li jillimita l-attivita` tal-*casino gambling* b'mod li c-cittadini Maltin ma jigux indebitament imhajra ghal din l-attivita`, u dan bil-ghan li jippromwovi l-*public well-being* tac-cattadini Maltin. Ghalhekk din hi materja essenzjalment ta' ordni pubbliku.

**46.** Il-kuncett tal-ordni pubbliku gie deskritt mill-awtur ***Galgano***, [citat fil-kaz PA ***Francis Parnis et v. Maltacomm plc***, deciza fis-7 ta' Ottubru 2004], bil-mod segwenti:

*"Nel suo insieme la formola legislativa esprime una esigenza di difesa dei valori fondamentali della societa'; di difesa sia dei valori di natura collettiva, che attengono cioe' <u>alla pacifika e civili convivenza fra gli uomini e al loro progresso economico e sociale, sia di valori di natura individuale, relativi alla liberta', alla dignita', alla sicurezza dei singoli.</u> L' ordine pubblico e' costituito da quelle norme, anch' esse imperative, che salvaguardano I valori fondamentali sopra menzionati e che tuttavia, non sono*

*esplicitamente formulate dalla legge, ma che si ricavano per implicito dal sistema legislativo; dai codici e dalle altre leggi ordinarie e, sopratutto, dalla Costituzione."*[10]

**47.** L-ewwel Qorti qalet ukoll li l-ligi ma kinitx ragjonevolment mehtiega fl-interess pubbliku; ma jirrizultax li kienet tikkorrispondi ghal htiega socjali urgenti, u ma kinitx mizura proporzjonata ghall-ghan taghha. Jidher li l-ewwel Qorti strahet fuq il-konsiderazzjonijiet li: il-ligi ma tipproteggix b'mod effettiv lis-socjeta` Maltija mill-vizzju tal-loghob, stante li din l-attivita` mhijiex illegali f'Malta; din l-attivita` hija facilment accessibbli ghac-cittadini Maltin minn fuq l-*internet*; hemm Maltin li jahdmu f'postijiet frekwentati mit-turisti li allura huma necessarjament esposti ghal dan ir-reklamar; u hemm operaturi f'Malta li huma licenzjati sabiex jorganizzaw loghob tal-azzard, bhalma huma s-Super 5 u l-Bingo.

**48.** Taht dan l-aspett jehtieg li tigi ezaminata l-kwistjoni jekk din il-ligi ghandhiex tigi kkunsidrata ragjonevolment necessarja f'socjeta` demokratika, u hijex proprozjonata mal-ghan taghha.

**49.** Fir-rigward din il-Qorti tikkunsidra opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

**50.** Il-fatt li l-attivita` *ut sic* tal-loghob ghall-flus mhijiex ikkunsidrata bhala illecita f'Malta, tant li hemm operaturi licenzjati sabiex jiggestixxu fondi fejn tigi ezercitata din l-attivita`, ma jimminax u ma jistultifikax l-ghan tal-ligi li tipprotegi lis-socjeta` Maltija mill-vizzju tal-loghob, ghax, kif korrettament sottomess mill-intimati, hemm differenza kbira bejn il-loghob bhal, per ezempju, is-Super 5, u l-loghob fil-*casino*. Ghandu jirrizulta car li l-ambjent tal-*casino* huwa mahsub b'mod li jhajjar in-nies ghal-loghob u li dawn ikomplu jilghabu fi ftit spazju ta' zmien dejjem bl-isperanza li johorgu rebbieha, filwaqt li jista' jkun li johorgu telliefa f'ammont sostanzjali ta' flus. Dan l-effett zgur ma jinhassx meta persuna tilaghab lotterja bhas-Super 5.

---

[10] Sottolinear ta' din il-qorti

**51.** Il-fatt li hemm numru ta' nies li jahdmu fis-settur turistiku u li allura huma kontinwament esposti ghar-reklamar ta' din l-attivita` ma jwassalx ghall-konkluzjoni li l-iStat m'ghandhux jillegisla biex jipprotegi s-socjeta` in generali, partikolarment adulti ta' eta` relattivament zghira, li jistghu jigu mhajjrha jiffrekwentaw dawn il-postijiet b'dannu ghalihom.
**52.** Lanqas ma hi flokha l-konsiderazzjoni li, gjaladarba din l-attivita` hija accessibbli tramite l-*internet*, allura l-iStat ghandhu jibqa passiv u ma jaghmel xejn sabiex jipprotegi c-cittadini tieghu. Huwa fatt risaput li l-mezz tal-*internet*, filwaqt li bla dubbju huwa ghodda qawwija u beneficjali sabiex tizdied l-edukazzjoni fil-pajjiz u anke bhala mezz ta' komunikazzjoni, izda jekk jigi abbuzat, minflok uzat, iservi ta' hsara flok ta' gid. Hekk per ezempju dan il-mezz ta' komunikazzjoni jista' jigi abbuzat minn persuni taht l-eta` sabiex jaraw stampi jew *videos* ta' xejra pornografika, izda dan ma jfissirx li b'daqshekk, ghax hemm dan l-access ghal dik l-attivita`, l-iStat ghandu jibqa' passiv u ma jiehux mizuri biex jipprova jnaqqas mill-effett negattiv ta' dan il-mezz ta' komunikazzjoni.

**53.** Illi fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent isemmi bran minn dak li osserva l-Imhallef Alex Kozinski li jpoggi fil-Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti, fejn fost affarijiet ohra, fuq kumment li ghamel fuq il-kaz *Posadas 1986* jghid *"we counter speech with speech, not with suppression. Why shouln't the same be true of gambling?"*[11]

**54.** Din il-Qorti ma taqbilx li din hija gustifikazzjoni sufficjenti sabiex tirrendi l-ligi *de quo* in vjolazzjoni tal-Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u 10 tal-Konvenzjoni, Kif gja` fuq spjegat, l-iStat ghandu d-dmir li jipprotegi c-cittadini Maltin milli jaqghu ghall-vizzju tal-loghob u jsofru l-konsegwenzi tal-istess, u ghalhekk ghandu juza' l-mezzi necessarji, kemm dawk ta' taghrif dwar l-effetti hziena tal-loghob, kif ukoll dawk legislattivi sabiex jnaqqas il-possibilita` li cittadini jaqghu ghal dan il-vizzju. Jigi emfasizzat li r-reklamar ta' dawn il-postijiet, bhal kull

[11] Fol.223

reklamar iehor, huma ntizi u jkunu maghmulin b'mod li jhajjru lic-cittadini sabiex jiffrekwentaw dawn il-postijiet bl-isperanza ta' rebh ta' flus.

**55.** Inoltre, mir-ricerka li ghamlet din il-Qorti fuq il-kaz[12] fuq riferut, jirrizulta li dak il-kaz kien jitratta dwar ligi, il-Game of Chances Act 1948 f'Puerto Rico, simili ghal dik in dizamina fis-sens li tipprojbixxi r-reklamar ta' *casino gambling* intiz lejn ir-residenti ta' dak il-pajjiz. Il-Qorti Suprema tal-Istati Uniti sabet li din il-ligi kienet konformi mal-Kostituzzjoni tal-Istati Uniti specifikament fir-rigward tal-liberta` tal-espressjoni. L-Imhallef Justice Rehinquist fl-opinjoni tieghu li tirrifletti dik tal-maggoranza tal-Qorti Suprema qal hekk:

*".............. We have no difficulty in concluding that the Puerto Rico legislature's interest in the health, safety, and welfare of its citizens constitutes a "substantial" governmental interest. The second step asks the question whether the challenged restrictions on commercial speech "directly advance" the government's asserted interest. In the instant case, the answer to this question is clearly "yes." The Puerto Rico legislature obviously believed, when it enacted the advertising restrictions at issue here, that advertising of casino gambling aimed at the residents of Puerto Rico would serve to increase the demand for the product advertised. We think the legislature's belief is a reasonable one."*

**56.** Illi l-ewwel Qorti osservat ukoll li: *"F'socjeta` demokratika moderna, ic-cittadin huwa informat u jaghmel l-ghazliet bazati fuq informazzjoni. M'ghadhiex tissussisti t-tezi ta' protezzjonizmu zejjed, ghaliex b'dana c-cittadin ikun qed jiccahhad mid-dritt li jaghmel ghazla informata; u min jixtieq jippubblika informazzjoni bhala huwa l-artikolu m'ghandux jigi rinfaccjat minn proceduri kriminali."*

**57.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament inkwantu r-reklamar li jidher fuq il-gazzetti m'huwiex intiz

---

[12] ***Posadas** de Puerto Rico Associates, dba Conlado Holiday Inn v Tourism Company of Puerto Rico* et at deciza fl-appell mill-Qorti Suprema fl-1 ta' Lulju 1986

biss ghal pubbliku adult u matur, izda ghal kulhadd, minn kull stratt tas-socjeta`, anke dawk il-persuni vulnerabbli bhalma huma dawk li, ghalkemm jitqiesu fil-ligi bhala adulti, xorta wahda huma vulnerabbli u jistghu jaqghu facilment ghal vizzju tal-loghob.

**58.** Dan huwa konformi mal-hsieb maghmula mill-Qorti Ewropeja fil-kaz ***Hachette Filipacchi Presse Automobile et Dupuy v. France*** deciz fis-6 Marzu 2009, fejn dik il-Qorti unanimament iddikjarat li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 10, u lanqas tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni fir-rigward tas-sejba ta' htija u impozizzjoni ta' piena fuq l-applikanti talli rreklamaw indirettament it-tabakk kontra l-ligi permezz ta' ritratti li wrew sewwieq prominenti fil-kamp tal-tlielaq tal-karozzi bil-logo tas-sigaretti manifatturati minnhom bhala sponsors.

**59.** F'dak il-kaz, il-Qorti Ewropeja osservat il-htiega li jsir ezami akkurat tal-element ta' proporzjonalita` bejn il-mizura u l-ghan taghha, u li dan l-ezercizzju kien jinvolvi *"mettre en balance les exigences de la protection de la santé publique, avec la liberté d' expression des requérants."*[13] Il-Qorti kkonkludiet li *"Que la publication litigieuse soit considérée comme susceptible d' inciter à la consommation [du tabac], en particulier les jeunes, lui paraît être un motif "pertinent" et "suffisant" pour justifier l' ingérence."*[14]

**60.** Fil-kaz in dizamina, kif fuq gja` spjegat ir-reklamar ta' loghob fil-*casinos* huwa intiz sabiex ihajjar lin-nies jiffrekwentaw dawn il-postijiet u jippartecipaw fil-loghob tal-azzard li jkun ghaddej fihom, liema attivita` jista' jkollha effetti negattivi fuq is-socjeta` Maltija. Ghaldaqstant dan l-ghan tal-mizura jikkwalifika bhala *"pertinent" et "suffisant" pour justifier l' ingérence."*

**61.** Fil-kaz ***Hachette***, il-Qorti Ewropeja ezaminat il-principju tal-proporzjonalita` wkoll b'referenza ghall-piena

---

[13] Para. 45
[14] Para.48

imposta fuq l-applikanti minhabba l-ksur tal-ligi. Fir-rigward osservat hekk:

*"Enfin, la Court rappelle que la nature et le quantum des peines infligés sont aussi des éléments à prendre en considération lorsqu' il s' agit de mesurer la proportionalité de l' ingérence [**Surek c Turquie** no.1 [GC], no. 26682/95 para.64,...; **Giniewski c France**, no 64016/00, para.54...]"*

**62.** Fir-rigward il-Qorti Ewropeja osservat li l-piena ta' multa ta' tletin elf Euro (€30,000), u danni ta' ghaxart elef Euro (€10,000), ghalkemm *"non négligeables, mais il convient de les mettre en balance pour en apprécier la lourdeur, avec les recettes d' un magazine à fort tirage ... ... ..."*[15]

**63.** Ezaminat il-premess fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 49 [1] [a] u [b], b'referenza ghal dak li jiddisponi l-Artikoli 42 u 48 tal-istess kap, jirrizulta li lanqas fil-kaz tal-projbizzjoni legislattiva in dizamina ma jista' jinghad validament li l-piena hija tant sproporzjonata b'mod li xxaqleb il-bilanc gust kontra l-htiega li tigi protetta l-liberta` tal-espressjoni. L-Artikolu 49 [3] jghid li min jivvjola din il-projbizzjoni jkun hati ta' reat taht l-Att [Kap. 400], filwaqt li l-Artikolu 42 [1] jikkontempla piena pekunarja ta' bejn sitt elef, disa' mija tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) u mitejn u tnejn u hamsin elf, disa' mija sebgha u tletin Euro u erbgha u tletin centezmi (€252,937.34), kif ukoll, fl-alternattiv jew flimkien mal-piena pekunarja, piena ta' prigunerija sa massimu ta' sentejn, izda l-proceduri kriminali jistghu jittiehdu biss bil-permess tal-Avukat Generali li, min-naha tieghu, jekk hekk jidhirlu skont il-kaz, jista' jitlob ghal piena li testendi minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94) sa sitt elef disa' mija, tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmi (€6,988.12).

**64.** Ghalhekk, filwaqt li l-massimu kontemplat mil-ligi huwa pjuttost gholi, u jista' jikkomprendi anke piena ta' prigunerija, izda min-naha l-ohra d-diskrezzjoni li

[15] Para.54

ghandhom il-qrati kriminali dwar il-piena, hija wiesa' bizzejjed b'mod li ma jigix vjolat il-principju tal-proporzjonalita`. Di fatti l-qrati jistghu jimponu piena minima ta' sitt elef disa' mija, tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmi (€6,988.12) li ghall-gazzetta bhalma hi s-*Sunday Times* li ghandha *coverage* qawwi fis-socjeta` Maltija m'hijiex eccessiva. Inoltre, kif fuq gja` indikat, fuq rikjesta tal-Avukat Generali dan il-minimu jista' jkompli jinzel sa mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94). Ghaldaqstant huwa ovvju li, f'materja ta' piena, il-ligi hadet hsieb id-diversi fatturi mitiganti li jistghu jezistu fil-kaz partikolari.

**65.** Ghaldaqstant dawn l-aggravji huma fondati u konsegwentement ma hix ser issib ksur tal-Artikoli 41 tal-Qorti Kostituzzjonali u 10 tal-Konvenzjoni.

*It-tieni aggravju*

**66.** Illi, stante li din il-Qorti ma sabitx lezjoni tad-dritt fundamentali taht l-Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u 10 tal-Konvenzjoni, il-mertu ta' dan l-aggravju huwa ezawrit u ghalhekk mhuwiex il-kaz li telabora fuqu.

## L-Appell Incidentali

**67.** Dan hu bazat fuq zewg aggravji: [1] li l-ewwel Qorti, ghalkemm fil-konsiderandi taghha osservat li s-sejba ta' nullita` tal-Artikolu 49[1][a] u [b] tal-Kap.400 ghandha ggib maghha t-twaqqif tal-proceduri kriminali mressqa kontra r-rikorrent bazati fuq dak l-artikolu, fil-parti dispozittiva tas-sentenza naqset li tnizzel dan bhala wiehed mir-rimedji; [2] li l-ewwel Qorti, minbarra ksur tad-dritt fundamentali kontemplat fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, kellha wkoll issib lill-intimati hatja ta' ksur tad-dritt fundamentali li jipprotegi kontra l-indiskriminazzjoni.

**68.** Illi, tenut kont li din il-Qorti ma sabitx li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali ghal-liberta` tal-espressjoni, u

ghalhekk ma hemmx rimedju x'taghti f'dan ir-rigward, u tenut kont tat-tieni aggravju tar-rikorrent li permezz tieghu dan qed isostni li hu sofra ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, huwa ghalhekk logiku li din il-Qorti tibda biex l-ewwel titratta t-tieni aggravju, ghax huwa biss fil-kaz li dan jinsab fondat li din il-Qorti allura ghandha tghaddi ghall-aggravju dwar ir-rimedju.

*It-tieni aggravju*

**69.** Ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti sabet li ma kienx hemm diskriminazzjoni fit-termini tal-artikoli precitat fil-konfront tieghu, u jsostni li dan kien zbaljat.

**70.** Jghid li l-Artikolu 49[1] [a] u [b], u b'mod partikolari fil-proviso fejn hemm stipulat li l-projbizzjoni kontenuta f'dawn l-artikoli ma tapplikax ghal reklamar f'postijiet principalment frekwentati mit-turisti, huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu kontra d-diskriminazzjoni, stante li, kuntrarjament ghal edituri ta' gazzetti ohra diretti biex jinbighu f'dawn il-postijiet, huwa, bhala editur ta' gazzetta mmirata lejn is-suq lokali kollu huwa projbit milli jippubblika riklamar, dirett jew indirett, relatat mal-loghob fil-*casinos*. Huwa jghid li anke dawn il-pubblikazzjonijiet, avolja jinbighu per ezempju fl-ajruport u jidhru fuq l-arjuplan, huma intizi ghas-suq lokali ghax ir-reklamar ikun ta' *casinos* li ssibhom gewwa Malta.

**71.** Jghid li *"Edituri ta' gazzetti bhal [tieghu] li jirreklamaw kazinos qed jigu suggetti ghal restrizzjonijiet li edituri ta' gazzetti li jirreklamaw l-loghob bhal Bingo u Super 5 m'humiex qed jigu soggettati ghalihom, izda moghtija vantaggi li ma jkunux moghtija lill-edituri ta' gazzetti ohra."*

**72.** Din il-Qorti tosserva li ghal dak li jirrigwarda d-diskriminazzjoni taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, fil-kaz odjern, stante li din il-Qorti ma sabitx ksur tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, u li l-ligi *de quo* hija protetta taht is-sub-inciz [2] tal-istess Artikolu 41, allura b'applikazzjoni tas-sub inciz [7] tal-Artikolu 45 ma tistax tikkonfigura l-lezjoni pretiza mir-rikorrenti; u dan, apparti mill-fatt li ma gie indikat ebda wiehed mill-fatturi ndikati mis-sub-inciz [3] tal-

Artikolu 45 formanti l-bazi legali tad-diskriminazzjoni allegata [vide fost ohrajn, *PA[sk]* **Saviour Spiteri v. Korporazzjoni Enemalta**, *deciza 11 Lulju 2013].*

**73.** Inkwantu ghal lezjoni tad-dritt fundamentali sancit fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dan jaqra hekk:

"It-tgawdija tad-drittijiet jew libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinioni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew *status* iehor."

**74.** Kif affirmat, kemm fil-gurisprudenza lokali, kif ukoll f'dik Ewropeja:

*"The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analagous situations without providing an objective and reasonable justification."[ECHR* ***Wessels-Bergovoet v. The Netherlands****, deciza 4 Settembru 2002; u* ***Zarb Adami v. Malta****, deciza 20 Gunju 2006; u wkoll, QK* **Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali** *– deciza 24 Gunju 2011].*

**75.** Fil-kaz in dizamina jirrizulta li d-distinzjoni li taghmel il-ligi bejn riklami intizi ghal pubbliku generali u dawk intizi sabiex "jintwerew f'imkejjen li jkunu principalment frekwentati minn turisti u li jinkludu ajruporti, portijiet tal-bahar, lukandi u *holiday complexes*", ghandha gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva. Kif gja` fuq intqal, l-ghan tal-ligi huwa li, filwaqt li jipprotegi lic-cittadini Maltin milli jaqghu fit-tentazzjoni li jattendu *casinos*, min-naha l-ohra l-ligi hija ntiza sabiex ma taghmilx hsara lill-ekonomija generali mit-turizmu, u ghalhekk tippermetti reklami f'dawn il-postijiet sabiex it-turisti li jkunu jridu jiffrekwentaw dawn il-postijiet ikollhom it-tgharif mehtieg.

**76.** Inoltre, lanqas jista' validament jinghad li r-rikorrent bhala editur tal-gazzetta *Sunday Times* huwa f'pozizzjoni

analoga ma' edituri ohra li l-pubblikazzjonijiet taghhom huma mmirati lejn it-turisti u ghalhekk jidhru fil-postijiet indikati fil-proviso tal-artikolu *de quo*, ghax filwaqt li l-gazzetta li taghha r-rikorrent huwa editur hija ntiza ghall-pubbliku Malti kollu, il-pubblikazzjonijiet l-ohra huma ntizi ghas-settur turistiku biss. Ghalhekk il-principju ta' *comparing like with like* huwa napplikabbli f'dan il-kaz.

**77.** Fi kwalunkwe kaz, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern ma qed tigi allegata ebda diskriminazzjoni ghal xi mottiv ta' *status* kif rikjest sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvizata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-i*status* elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi generu ta' *status* iehor[16].

**78.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi respint.

*L-ewwel aggravju*

**79.** Illi tenut kont tal-fatt li din il-Qorti sabet li l-Artikolu 49 [1][a] u [b] tal-Kap. 400 ma jikkrea ebda lezjoni ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti, la tad-dritt tieghu ghal-liberta` tal-espressjoni, u lanqas dak li jipprotegi kontra d-diskriminazzjoni, allura ma hemm lok ghal ebda rimedju.

**80.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

## <u>Decide</u>

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi tilqa' l-appell principali tal-intimati u tirrevoka s-sentenza appellata limitatament billi tiddikjara li r-rikorrenti ma sofra ebda ksur tad-dritt fundamentali kontemplat fl-Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, filwaqt li

---

[16] Ara Kaz Kjeldsen, **Busk Madsen u Pedersen v. Denmark**, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56; Kaz **Carson u Ohrajn v. UK** § 61, ECHR Grand Chamber, 16 Marzu 2010; Q Kost **Enrietta Bianchi et v. Avukat Ġenerali et** , 24 Ġunju 2011; Q. Kos. **Edmond Espedito Mugliett v. Avukat Generali** 28 Settembru 2012

tikkonfermaha ghal bqija; tichad l-appell incidentali tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-ewwel istanza u tal-appell principali ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, tenut kont tal-punti involuti, filwaqt li dawk tal-appell incidentali ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------